Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)

vs

Kevin Azzopardi

Illum 13 ta Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Kevin Azzopardi, iben Emanuel u Mary Rose Scicluna, imwieled Pieta fl-24 ta' Ottubru, 1981 u detentur ta' karta tal-identita Nru. 0593481(M) li permezz taghhom gie akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn il-hdax u t-tnax ta' Awissu, 200 gewwa il-Bamboo Bar sitwat fi Triq Dragonara San Giljan, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Fenech minn Attard, u dan skond kif iccertifika it-Tabib Stephen Brincat tal-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Emanuel Fenech sabiex jingurjah, idejjqu jew

jaghmillu hsara u li aktar talli bil-lejl kiser l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

Rat in-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(m), 339(1)(d), 339 (1)(e), 17, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn dina l-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-tratazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi bejn il-11 u t-12 ta' Awissu tas-sena 2000 dahal rapport l-ghassa ta' San Giljan minn

Emanuel Fenech fis-sens illi huwa kien gie aggredit u imsawwat minn Kevin Azzopardi, l-imputat fuq imsemmi. L-Ispettur Raymond D'Anastas kien arresta lill-imputat, tah is-solita twissija u hadlu stqarrija. L-Ispettur D'Anastas xehed illi l-imputat cahad katergorikament illi huwa ta b'xi flixkun, jew inkella b'xi tazza f'idejh. L-Ispettur qal illi l-imputat kien qallu illi lil Fenech kien jafu u kienu hbieb ta' sahha u bongu. Skond l-Ispettur D'Anastas l-imputat qallu illi Fenech kien qieghed il-Bamboo Bar fejn kien hemm anke hu u Fenech beda jaqbad ma xi nies. L-Ispettur D'Anastas qal illi l-imputat cahad mieghu illi kien sawwat lil Fenech b'xi tazza jew inkella b'xi flixkun.

Illi l-Ispettur Raymond D'Anastas esebixxa l-istqarrija tal-imputat fejn l-imputat gie mistoqsi dwar l-incident li kien gara bejn il-11 u it-12 ta' Awissu tas-sena 2000. L-imputat stqarr mal-pulizija illi dakinhar kien qieghed il-Bamboo Bar ma xi hbieb tieghu Paceville, kien qieghed jiehu drink u dan kien ghall-habta ta' ftit hin wara nofsilejl u allura kienu saru t-12 ta' Awissu, 2000. L-imputat qal illi kien qieghed jiehu drink u ra hemm hekk li certu Manwel illi jafu bhala Leli Fenech li huwa minn H'Attard. L-imputat kien mal-bar u Leli Fenech kien qieghed jisfen u x'hin beda riesaq lejh, beda wkoll ikkisser xi tazzi mal-art. L-imputat stqarr mal-pulizija illi certu Janette marret tkellem lil dan Leli Fenech u

qaltlu biex ma jkomplix ikisser it-tazzi u sema lil Fenech jghidilha illi kien Ala biebu minn kulhadd, pero' uza kelma oxxena u din qalha ghal aktar minn darba. F'dan il-hin skond l-imputat fl-istqarrija tieghu ra lil Manwel Fenech gej lejh bit-tazza f'idejh, ipprova jaghtih daqqa pero' ma laqtux u dak il-hin l-imputat stqarr li huwa imbuttah. Pero' Fenech rega gie ghalih u ghalhekk huwa rega imbuttah mal-bar. Fenech ikbutta lilu, tqabdu flimkien u spiccaw mal-art u cioe' fuq il-box fejn kienu qeghdin jisfnu n-nies u hu jigifieri l-imputat gie fuq Fenech. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi Fenech spicca mal-art fuq il-hgieg li kien kisser hu stess u hu kien fuq Fenech. Qabduhom il-'bodyguards' u harguhom 'il barra. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi meta hargu barra huwa innota li Leli Fenech kellu xi demm ma wiccu. Hu kien tielaq 'l hemm, pero' Leli Fenech rega gie jigri fuqu, tah daqqa fuq idejh u wkoll fuq rasu bil-ponn u ghalhekk regghu qabdu jiggieldu bl-idejh u kellhom jigu n-nies biex jiffirquhom. Wara gew il-pulizija u haduhom maghhom. L-imputat qal fl-istqarrija tieghu illi Leli Fenech beda jghid kliem ta' theddid fil-konfront tieghu. Fl-istqarrja tieghu l-imputat cahad illi uza xi tazza jew xi flixkun biex sawwat lil Leli Fenech. Huwa qal illi huwa tah biss b'idejh.

Illi xehed Emanuel Fenech u qal illi dakinhar in kwistjoni huwa kien qieghed Paceville mal-hbieb tieghu, il-Bamboo Bar u damu hemm hekk sa xi saghtejn ta' filghodu. Fenech kompla jixhed illi ghall-habta tas-siegha ta' filghodu waqghatlu tazza mal-art u kien mara bil-qeghda fuq il-bank illi s-soltu tahdem fil-Bamboo Bar, pero' dak il-hin ma kienitx qeghda tahdem hemm hekk u lilu qaltlu xi haga. Fenech kompla jixhed illi huwa ma semghax x'kienet qaltlu u kienet qeghda 'il boghod minnu u x'hin hares lejha u dawwar wiccu n-naha l-ohra jaf illi qala daqqa. Fenech kompla jixhed illi ma jafx min kien tah id-daqqa u lanqas biex tawhielu. Ma jiftakar xejn aktar ghaliex waqa mal-art. Pero' ftakar illi kienu kellmuh il-pulizija l-ghada. Skond Fenech il-kugin tieghu kien ra min kien tah din id-daqqa.

Illi xehdet Jeanette Galea illi tahdem part-time fl-Bamboo Bar Paceville u qalet li dakinhar tal-incident in kwistjoni ma kienitx xoghol, pero' kienet il-Bamboo Bar u kienet qeghda tiehu xi drink ma zewgt ihbieb taghha. Dakinhar hija rat lil Emanuel Fenech u lill-kugin tieghu Etzio Fenech fuq in-naha l-ohra tal-bar, ftit 'il boghod minnha u kienu qeghdin jixorbu l-inbid u ghamlu xi saghtejn shah hemm hekk kwieti. Jeanette Galea kompliet tixhed illi ftit wara iltaqghet mal-hbieb taghha li kienu l-imputat fuq imsemmi u hafna aktar hbieb. Wara xi saghtejn illi damu jitkellmu hemm hekk hija

xehdet illi kienet bil-qeghda mal-bar u f'daqqa wahda gie Emanuel Fenech hdejha qabad flixkun tal-Mattheus, sabbtu hdejha u hasilha bl-inbid. Hija ma tkellmet xejn, pero' umbaghad rega' gie hdejha u beda jghaddi minn maghha u jinbuttaha u regghet ma kemmitux. Ix-xhud kompliet tghid illi meta Emanuel Fenech ra li ma kellmitux, rega gie hdejha qabad tazza u kissirha quddiemha u hija qaltlu, "tkissirx iktar tazzi isma minni." Qaltlu, "Ahjar nghidlek hekk jiena milli jigu l-'bodyguards' u jitghfuk 'il barra." Skond ix-xhud f'dan il-mument Fenech qalilha kelma baxxa hafna u rega faqa tazza ohra. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat kien ftit 'il boghod minn Fenech u hija rat lil Fenech jibda jghaddi minn mal-imputat jaqbad mieghu u jimbuttah. Kif regghet siktitu. rega tkellem oxxen u qaltlu, "Mela ghamel li trid". Umbaghad l-imputat qalilha biex tmur hdejh. Ix-xhud kompliet tghid illi f'daqqa wahda sa kemm dawret wiccha rathom jiggieldu jigifieri lil Fenech u lill-imputat u rathom jitqalbu mal-art. Hija rat lil Emanuel Fenech u lill-imputat imqabdin ma xuldin u jaghtu mal-art. Umbaghad regghet harget ghaliex hasset hgieg itir minn maghha u dahlet wara l-bar. Ix-xhud kompliet tghid illi harget barra l-Bamboo Bar u hemm hekk rat lill-imputat jiggieled ma Emanuel Fenech barra t-triq. Hija rat illi Emanuel Fenech kellu wiccu mimli demm. Hija qalet illi meta inqala l-incident kien hemm il-hgieg mal-art u kien

hekk il-box fejn jisfnu n-nies fil-bar u l-imputat u Fenech qabdu jaghtu hemm hekk jigifieri f'dik il-box. Hija qalet li din il-box hija kaxxa normali u ghandha x-xifer tal-injam u f'nofsha hemm arblu. Jeanette kompliet tghid li ma rat lil hadd jaghti daqqa lil xi hadd b'xi haga. Hija rat lill-imputat u lil Fenech imqabdin f'xulxin jaghtu mal-art u taf illi fl-art kien hemm il-hgieg. Ix-xhud qalet ukoll illi meta l-imputat sejjhilha biex tmur hdejh huwa ma kellux tazza f'idejh, lanqas biss kien qieghed jiehu drink f'dak il-mument. Hija qalet ukoll illi ezatt qabel ma beda l-incident Manwel Fenech la kellu tazza u lanqas xi flixkun tal-inbid quddiemu.

Illi xehed Grazio Fenech u qal illi kien prezenti mal-kugin tieghu Emanuel Fenech dakinhar tal-incident. Qal illi kienu fil-bar u f'daqqa wahda waqghet tazza minn idejh Emanuel Fenech. Umbaghad dawwar wiccu u f'daqqa wahda ra lil Emanuel Fenech mal-art. Skond dan ix-xhud meta mar fuqu ghadda l-imputat. Umbaghad qal illi nesa jghid illi ra lill-imputat fuq imsemmi jaghti daqqa f'wicc il-kugin tieghu. Pero ma jafx id-daqqa b'hiex tahielu. Pero' meta l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' gurament falz ix-xhud qal illi ma rahx lill-imputat jaghti daqqa f'wicc il-kugin tieghu b'tazza. Ra lill-kugin tieghu mal-art u meta mar hdej ghadda l-imputat u qallu, "Rajtni kif ftahtulu wiccu" u telaq 'il barra. Ix-xhud qal ukoll illi dakinhar l-imputat kien ma

grupp iehor ta' nies fil-bar u ma kienx maghhom. Huwa qal ukoll illi x'hin waqghet it-tazza minn idejn Emanuel Fenech din kienet zelqitlu u mhux giet imwaddba mal-art minn Emanuel Fenech. Huwa qal illi meta waqghet it-tazza huwa dawwar wiccu ghaliex kien qed jitkellem ma habiba tieghu, sema twerziq u sema tazza tinkiser. L-ewwel inkissret it-tazza, sema t-twersiq, dawwar wiccu u ra lil Fenech u lill-imputat ma l-art. Huwa xehed ukoll illi t-twersiq semghu xi ghaxar minuti wara li kienet xelqet it-taxxa minn idejn il-kugin tieghu. Ix-xhud qal ukoll illi ra lill-kugin tieghu jaqa mal-art u jigi fuq id-'dancing box', intelaq lura u waqa mal-art u rega tenna li ma ra lil hadd issawwtu b'tazza f'wiccu. Ix-xhud finalment qal illi qabel dan l-incident huwa kien hbieb mal-imputat, pero' issa ma ghadux ikellmu.

Illi xehed Cleaven Fenech, li jigi wkoll kugin ta' Emanuel Fenech u kien prezenti meta inqala l-incident in kwistjoni fil-Bamboo Bar Paceville. Cleaven Fenech qal illi kien ma Kevin Azzopardi u mal-hbieb tieghu, ilkoll hbieb minn Hal-Qormi. Kienu qeghdin jixorbu mal-bar. Cleaven Fenech xehed illi Emanuel Fenech, il-kugin tieghu kien ukoll fil-bar u jew waqghetlu tazza minn idejh, jew inkella kissirha. Umbaghad kien hemm Jeanette fil-bar u sejjhet lill-kugin tieghu. Emanuel Fenech dar lejha u ra lill-imputat jaghti

daqqa ta' tazza f'wicc il-kugin tieghu, jigifieri Emanuel Fenech. Ix-xhud qal illi fil-hin illi ra lill-imputat jaghti d-daqqa ta' tazza f'wicc Emanuel Fenech huwa kien qieghed wara l-imputat. Huwa qal illi ipprova jiehu it-tazza minn idejn l-imputat imma ma irnexxielux. Umbaghad il-kugin tieghu waqa mal-art, gew il-'bodyguards' u harguhom 'il barra. Pero' skond dan ix-xhud huma ma komplewx jiggieldu barra. Ix-xhud qal illi dakinhar kien mohhu illi kien ser jinqala xi incident u dana peress illi sena u nofs qabel Emanuel Fenech u l-imputat kellhom xi argument fuq xi sahha tal-idejn u jidhirlu li ma kienux qeghdin jitkellmu izjed. Ix-xhud kompla jghid illi qabel ma marru Paceville huwa kien mal-imputat Hal-Qormi, kienu qeghdin jixorbu il-Mattheus u Paceville komplew jixorbu l-Mattheus u kellhom tazzi twal meta kienu l-'Bamboo Bar'. Huwa xehed illi f'hin minnhom Emanuel Fenech sabbat il-Mattheus u waqqa ftit inbid fuq Jeanette u talabha skuza u ma jafx jekk ghamilx hekk ghat-tapposta jew le.

Illi xehed it-Tabib Stephen Brincat illi kien ezamina lil Emanuel Fenech dakinhar in kwistjoni u qal illi dan kellu lacerazzjoni fuq imniehru u testendi sa halqu fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Il-lacerazzjoni kienet ta' cirka ghaxar centimetri u kellu lacerazzjoni wkoll f'halqu fuq gewwa. Dr. Brincat xehed illi l-lacerazzjoni kienet fonda. Kellhom ihituh

minn gewwa u wkoll minn barra u dak il-hin li ezaminah il-feriti li kellu kienu ta' natura gravi. Pero' ma regax rah minn dakinhar u allura ma jistax ighid jekk hemmx sfregju jew le f'wicc Emanuel Fenech.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u ikkonferma l-istqarrija illi kien irilaxxja lill-pulizija. Huwa qal illi matul l-incident huwa ma kellux tazzi f'idejh. L-imputat xehed illi dwar dak illi qal Cleaven Fenech fil-Qorti u cioe' li rah jaghti daqqa ta' tazza lil Leli Fenech f'wiccu huwa rega tenna li tazzi f'idejh ma kellux. Huwa xehed illi Cleaven huwa kugin ta' Emanuel Fenech u meta habat ghalih Emanuel Fenech kien Emanuel Fenech illi kellu tazza f'idejh u mhux hu. L-imputat xehed illi huwa kien hemm hekk qieghed jiehu drink, kellu dahru lejn il-bar. Cleaven Fenech huwa habib tieghu, pero' huwa kugin ta' Emanuel Fenech. L-imputat qal illi x'aktarx illi qalu lil Cleaven Fenech kif ghandu jixhed ghaliex skond hu Cleaven Fenech jibza mill-imputat, jew ahjar jibza minn missier l-imputat Francis Fenech. L-imputat xehed illi Cleaven Fenech kien qallu illi qabel ma gie jixhed il-Qorti missier Emanuel Fenech kien xtralu xi hwejjeg u dana sabiex jixhed kif kienu qalulu illi ghandu jixhed.

Illi l-Qorti rat illi d-difiza ipprezentat Nota tal-Osservazzjonijiet u illi l-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel

dan ghalkemm giet akkordata lilha kull facilita li taghmel hekk minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi jezistu zewg verzjonijiet totalment konfligenti dwar kif bdiet il-glieda in kwistjoni. L-imputat fuq imsemmi jghid illi huwa kien il-'Bamboo Bar' Paceville dakinhar illi inqala l-incident in kwistjoni. Kien qieghed jixrob hemm hekk ma xi hbieb u hemm hekk ra lil Emanuel Fenech illi kien qieghed jisfen wahdu, f'hin minnhom beda jersaq lejh u beda ikisser xi tazzi mal-art. Il-Qorti tosserva li l-imputat baqa konsistenti fil-verzjoni li ta lill-pulizija meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed fil-Qorti. Skond l-imputat kien Emanuel Fenech li beda l-glieda in kwistjoni peress illi gie fuqu b'tazza f'idejh u imbuttah sabiex ma jolqtux b'din it-tazza. Emanuel Fenech rega' hebb ghall-imputat, imbuttah mal-bar, gew fl-idejn u spiccaw mal-art.

Illi skond Emanuel Fenech pero' l-incident gara peress illi skond hu kienet waqghetlu tazza mal-art u kien hemm mara li sejjhitlu, mar ikellimha u x'hin hares lejha u dawwar wiccu in-naha l-ohra qala daqqa minn wara li lanqas biss jaf min tahielu u lanqas jaf biex tahielu. Illi ghalhekk

Emanuel Fenech ma rax lill-imputat jaghtih xi daqqa la b'tazza u lanqas b'xi haga ohra.

Illi Jeanette Galea ikkollaborat l-verzjoni illi ta l-imputat fuq imsemmi peress illi xehdet illi Emanuel Fenech beda ikisser it-tazzi mal-art, kisser flixkun tal-Mattheus hdejha u anke hassilha bl-inbid, kompla ikisser it-tazzi, jghaddi minn hdejha u jimbuttaha. Umbaghad beda jghaddi minn hdejn l-imputat u beda jimbuttah. Meta ippruvat issiktu huwa beda jitkellem b'mod oxxen u baqa ikisser it-tazzi mal-art. Jeanette Galea xehdet illi ma tafx kif beda l-incident peress illi hija dawret wiccha, umbaghad meta regghet harset rat lill-imputat u lil Fenech mal-art.

Illi Grazio Fenech mhuwiex xhud kredibbli u dana peress illi l-ewwel xehed illi ra lill-imputat jaghti daqqa f'wicc Fenech, umbaghad irtira din il-verzjoni u qal illi ma rax lill-imputat jaghti daqqa f'wicc Emanuel Fenech, pero' li kien ra biss lil Emanuel Fenech, il-kugin tieghu mal-art, u skond dan ix-xhud meta l-imputat ghadda ma gembu qal lix-xhud, "Rajtni kif ftahtlu wiccu" u telaq 'il barra. Madanakollu dan ix-xhud qal illi Jeanette kienet gibdet l-attenzjoni ta' kuginuh sabiex ma iwaqqax tazzi u kuginuh fil-fatt kien talabha skuza. Il-Qorti tosserva pero' kif diga intqal illi dan mhuwiex xhud kredibbli.

Illi Cleaven Fenech huwa ghalhekk l-unika xhud illi qal illi ra lill-imputat fuq imsemmi jaghti daqqa b'tazza f'wicc Emanuel Fenech. Il-Qorti pero' kellha l-okkazzjoni tara l-komportament ta' dan ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u ratu ihares lura diversi drabi lejn missier Emanuel Fenech illi kien bil-qeghda vicin tal-pedana tax-xhieda. Il-Qorti osservat lil Cleaven Fenech ihares madwar darbtejn jew tlett darbiet lura proprju fid-direzzjoni ta' missier Emanuel Fenech u dana qabel ma jirrispondi ghad-domandi li kienu qeghdin isirulu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis lil dan ix-xhud bhala wiehed illi certament mhuwiex kredibbli u ghaldaqstant sejra tiskarta kompletament ix-xhieda tieghu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-imputat xehed f'dawn ir-rigward illi Cleaven Fenech kien qallu illi z-ziju, cioe' missier Emanuel Fenech kien xtralu xi hwejjeg sabiex jixhed bil-mod kif riedu jixhed hu, jigifieri missier Emanuel Fenech.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni ma resqitx il-prova taghha sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' 'il boghod minn ebda dubbju dettat mir-raguni. Illi kif diga intqal hemm konflitt ta' provi peress illi l-imputat xehed mod u Emanuel Fenech xehed mod

iehor. L-unika xhud illi ra allegatament lill-imputat jaghti daqqa ta' tazza f'wicc Emanuel Fenech kien Cleaven Fenech, il-kugin ta' Emanuel Fenech li kif diga intqal mhuwiex xhud kredibbli. Mill-banda l-ohra Jeanette Galea xehdet b'mod car u b'mod konsistenti u qalet illi dakinhar Emanuel Fenech kien qieghed jikkomporta ruhu b'mod hazin, kien qieghed jisfen, jitkessah, jixrob u jivvessa lin-nies li kien hemm mal-bar fosthom lilha, kif ukoll lill-imputat. Hija xehdet illi ma tafx kif beda l-incident ghaliex meta regghet harset lura l-imputat u Emanuel Fenech kienu diga maqbudin flimkien fi glieda mixhutin mal-art.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana peress illi kull dubbju dettat mir-raguni ghandu imur favur l-imputat.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti filwaqt li tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur